**Fil-Qorti Ċivili, Prim'Awla (Malta)**
**Onor. Imħallef Dr. Doreen Clarke LL.D**

**DEGRIET KAMERALI**

**F'l-Atti tar-Rikors għall-Ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni Numru 130/2024DC f'l-ismijiet:**

***Isabelle Margaret Orietta Bonnici, u John Sofia***

***vs***

***Eman Abela***

Illum, 22 ta' Frar 2024

**Il-Qorti**

Rat ir-rikors għall-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni preżentat fil-25 ta' Jannar 2024 permezz ta' liema u għar-raġunijiet hemm premessi r-rikorrenti talbu lil din il-Qorti żżomm lill-intimat milli jbiegħ, ineħħi, jitrasferixxi jew jiddisponi inter vivos sew b'titolu oneruż jew gratuwitu kull propjreta u b'mod partikolari d-dar bin-numru uffiċjali tmienja u għoxrin (28) bl-isem L-Arzella, u 1-garaxx anness bin-numru uffiċjali tletin (30) fi Triq Iz-Zabrella, Ħaż-Żabbar.

Rat id-degriet tagħha mgħoti fil-25 ta' Jannar 2024 permezz ta' liema laqgħet it-talba tar-rikorrenti proviżorjament, ordnat in-notifika tar-rikors lill-intimat bi żmien għar-risposta u appuntat ir-rikors għas-smigħ għal-15 ta' Frar 2024.

Rat li l-intimat, notifikat bir-rikors promotur fil-25 ta' Jannar 2024, preżenta risposta f'l-1 ta' Frar 2024 permezz ta' liema u għar-raġunijiet hemm premessi oppona t-talba odjerna.

Semgħet il-provi u s-sottomissjonijiet tal-partijiet.

Rat il-verbal ta' l-udjenza miżmuma fil-15 ta' Frar 2024 meta r-rikors tħalla għal provediment kamerali.

Rat l-atti proċesswali.

## Il-Fatti

Ikkunsidrat

Illi r-rikorrenti huma l-ġenituri ta' Jean Paul Sofia li miet traġikament f'inċident li seħħ nhar it-3 ta' Diċemrbu 2022 meta iġġarrfet binja fi stat ta' kostruzzjoni. Mill-atti tar-rikors odjern jidher li wara l-konklużjoni ta' l-inkjesta relattiva inbdew proċeduri penali fil-konfront tal-perit Adriana Zammit, li jidher li kienet il-perit responsabbli mill-proġett relattiv.

Illi milli provi prodotti waqt it-trattazzjoni tar-rikors odjern irriżulta li l-imsemmija perit Adriana Zammit qegħda f'relazzjoni ma'l-intimat u flimkien akkwistaw il-propjeta fuq imsemmija. Irriżulta ukoll li fit-2 ta' Mejju 2023, Zammit trasferiet sehemha ta' nofs indiviż ta' din il-propjeta lill-intimat.

Illi fil-25 ta' Jannar 2024 ir-rikorrenti preżentaw ir-rikors odjern f'liema ppremettew *inter alia* li *kontestwalment ma dan il-mandat odjern ġiet intavolata kawża sabiex il-perit Adriana Zammit fost oħrajn tesrsaq għall-likwidazzjoni u ħlas ta' danni kif ukoll sabiex l-imsemmi kuntratt jiġi dikjara null u bla effett*.

Illi mill-atti tal-mandat jidher li l-kawża preżentata fil-25 ta' Jannar 2024 mir-rikorrenti hija kontra l-intimat u l-perit Adriana Zammit; permezz ta' din il-kawża huma talbu lill-Qorti tiddikjara li t-trasferiment tat-2 ta' Mejju 2023 sar biex ir-rikorrenti odjerni *jiġu defrawdati fil-krediti u pretensjonijiet tagħhom għall-likwidazzjoni ta' danni sofferti minħabba il-mewt ta' binhom*, u tiddikjara li l-kuntratt tat-2 ta' Mejju 2023 huwa null u bla effett, u konsegwentement tordna r-rexissjoni, tħassir u annullament ta' l-imsemmi kuntratt. F'din il-kawża m'hemm l-ebda talba għall-likwidazzjoni u ħlas ta' danni.

## Konsiderazzjonijiet

Ikkunsidrat

Illi t-talba tar-rikorrenti hija bażata fuq l-artikolu 874 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta. Huma fil-fatt jikkonkludu r-rikors tagħhom billi jgħidu li qed jitolbu il-ħruġ tal-mandat "*sabiex jikkawtelaw il-kreditu hawn taħt imsemmi kontra l-intimat*".

Illi l-intimat jilqa' għal din it-talba billi, fil-waqt li jirrileva li huwa ma kellu l-ebda involviment f'l-incident li seħħ fit-3 ta' Diċembru 2022 u konsegwentment ma jista qatt jitqies responsabbli għad-danni ikkawżati bħala riżultat ta' dak l-inċident, jgħid li m'għandu l-ebda relazzjoni ġuridika mar-rikorrenti. Jgħid ukoll li r-rikorrenti m'għandhom l-ebda dritt prima facie a bażi ta' liema jista' jinħareġ il-mandat mitlub fil-konfront tiegħu għaliex l-azzjoni tentata mir-rikorrenti fil-konfront tiegħu hija actio pauliana.

Ikkunsidrat

Illi kif intqal il-mandat li qed jitlob ir-rikorrent huwa dak maħsub f'l-artikolu 874 tal-Kap 12. Ir-rikors fil-fatt ġie redatt fuq il-formola numru 25 u ċioe dik li skond l-Iskeda B[1] ta'l-istess Kap 12 għandha tintuża f'każijiet ta' *Mandat ta' Inibizzjoni (fejn it-talba teċċedi €11,646.86)*.

Illi dwar ir-rekwiżieti li għandhom jiġu sodisfatti biex jinħareġ mandat ta' din ix-xorta, b'referenza għall-ġurisprudenza prevalenti in tema, esprimiet ruħha din il-Qorti kif diversament presjeduta fil-mandat f'l-ismijiet ***Adrian Puglisevich et vs Vladimir Joseph Puglisevich***[2] :

> *15. F'każ ta' mandat ta' inibizzjoni taħt l-artikolu 874 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta, ir-rikorrent jeħtieġlu juri żewġ affarijiet ewlenija. Fl-ewwel lok, ir-rikorrent irid juri li huwa għandu mad-daqqa t'għajn,* ***kreditu jew pretensjoni kontra l-intimat*** *f'ammont li huwa ogħla minn €11,646.86; u fit-tieni lok, ir-rikorrent irid jispeċifika l-ġid li huwa qiegħed jitlob li jinżamm milli jiġi trasferit;*
>
> *16. Dwar l-ewwel ħtieġa, il-liġi titlob biss li l-kreditu jew pretensjoni tar-rikorrent ma tkunx inqas minn €11,646.86. F'dan is-sens, il-ġurisprudenza tgħallimna li dwar il-jedd prima facie, il-liġi fl-artikolu 874 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta timxi biss fuq il-pretensjoni u mhux*

[1] Moqrija flimkien ma'l-artikolu 1007 tal-Kap 12.
[2] Degriet mgħoti fil-11 ta' Jannar 2022.

*fuq jekk dik il-pretensjoni hijiex waħda mistħoqqa jew meqjusa (ara Avv. Etienne A. Calleja nomine et v. Peppercorn Limited et proprio et nomine deċiż mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-15 ta' Ottubru 2019);*

*17. Il-liġi ma tgħidx u ma tiddistingwix x'għamla ta' dejn jew pretensjoni hemm bżonn illi jkun hemm. Jekk id-dejn jew pretensjoni taqbeż il-€11,646.86, allura dan jitqies bħala jedd li mad-daqqa t'għajn huwa biżżejjed biex jinħareġ il-mandat (ara Alfred Testa v. Carmel sive Charles Giordmaina et, deċiż mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-18 ta' Frar 2016);*

*18. ... ... fil-kuntest ta' mandat ta' inibizzjoni taħt l-artikolu 874 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta, ma hemmx bżonn li r-rikorrent juri li dan il-mandat huwa meħtieġ sabiex tiġi evitata ħsara irrimedjabbli jew ħsara li ma tistax tissewwa mod ieħor bħal fil-każ ta' mandat ta' inibizzjoni taħt l-artikolu 873 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta (ara Joseph Portelli v. St. John Development Limited deċiż mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-5 ta' Lulju 2016). Mod ieħor, għall-finijiet ta' mandat ta' inibizzjoni taħt l-artikolu 874 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta, il-possibilta' waħedha li l-parti intimata tista' titħajjar tittrasferixxi, tgħabbi jew tgħaddi minn idejha xi ġid li jkun jista' jservi bħala garanzija għall-pretensjonijiet tal-parti rikorrenti kreditriċi huwa biżżejjed biex isejjes il-ħtieġa tal-mandat (ara Joseph Demicoli et noe v. Angelic Mifsud deċiż mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-17 ta' Ġunju 2016)*

Ikkunsidrat

Illi fil-każ in eżami r-rikorrenti ma seħħilhomx juru, imqar *prima facie,* li għandhom kreditu jew pretensjoni monitarja **fil-konfront ta' l-intimat.**

Illi minn dak li rriżulta mill-atti tal-mandat l-pretensjoni li għandhom ir-rikorrenti fil-konfront ta'l-intimat, u li diġa ġiet dedotta permezz tal-kawża preżentata flimkien mar-rikors odjern, hija dik li tirrigwarda t-trasferimet ta' propjeta. F'dik il-kawża, actio pauliana, l-unika rimedju li qed ifittxu r-rikorrenti huwa r-rexissjoni tal-kuntratt li bih ġiet trasferita propjeta lill-intimat. Ir-rikorrenti m'humiex qed jivvantaw xi kreditu kontra l-intimat imma jgħidu biss li dan it-trasferiment ippreġudika il-pretiż kreditu kontra l-perit Adriana Zammit u dan rappreżentanti danni sofferti bħala riżultat ta'l-inċident li seħħ fit-3 ta' Diċembru 2022. Fil-verita mill-premessi tar-rikors odjern ma jidhirx li r-rikorrenti qed jattribwixxu lill-intimat xi parti mir-responsabbilta għal dan l-inċident.

Illi stabbilit li l-kreditu li r-rikorrenti jippretendu li għandhom huwa kontra l-perit Adriana Zammit u mhux kontra l-intimat, u la darba skond ma jipprovdi l-artikolu 874 l-mandat fih kontemplat huwa intiż biex ***iżomm lid-debitur*** *milli jbiegħ, jittrasferixxi jew jiddisponi inter vivos mill-proprjetà li tiġi indikata fir-rikors* ir-rimedju li kellhom jirrikorru għalih ir-rikorrenti fir-rigward tal-propjeta trasferita mill-perit Zammit lill-intimat mhux dak ravviżat f'l-artikolu 874.

Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi:

- **Tiċħad it-talba** tar-rikorrenti billi ma jirriżultawx l-elementi mitluba mil-liġi għall-ħruġ tal-mandat mitlub.
- **Tirrevoka *contrario imperio*** d-digriet tagħha tal-25 ta' Jannar 2024 safejn laqgħet it-talba tar-rikorrenti b'mod proviżorju.
- **Tordna** li l-ispejjeż marbuta ma' dawn il-proċeduri jitħallsu mir-rikorrenti.

Tordna li dan id-digriet jiġi notifikat elettronikament lil Dr David Bonello, Dr Christine Bellizzi, Dr Matthew Cutajar u Dr Daniel Buttigieg.

**DR DOREEN CLARKE**
**IMHALLEF**

**MARVIC PSAILA**
**DEPUTAT REGISTRATUR**